MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 221/2013

**Mobisle Communications Limited
( C 24655)
vs**

**Robert Borg
(ID 105573M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ Awwissu 2013 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, disgha mija u erbgha u tletin Euro u tmintax-il centezmu (€3934.18) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti mill-konvenut ghal servizzi tat-telfonija cellulari tan-numri 79448134 u 79658659 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali 4195/10 u bl-imghax mil-25 ta’ Novembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lill-konvenut fl-10 ta’ Settembru 2013 u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Julian Caruana datata 11 ta’ Settembru 2013 (fol 23 tergo).

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas 7 ta’ Ottubru, 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, disgha mija u erbgha u tletin Euro u tmintax-il centezmu (€3934.18) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali lkoll kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------